Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Novembru 1997

dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti tal-kostruzzjoni permezz ta' l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE f'dak li jirrigwardja l-kisi ta' l-art (pavimenti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/808/KE)

(ĠU L 331, 3.12.1997, p. 18)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/453/KE tat-18 ta' Ġunju 1999	L 178	50	14.7.1999
►M2	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/596/KE tat-8 ta' Jannar 2001	L 209	33	2.8.2001
►M3	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/190/KE ta' l-1 ta' Marzu 2006	L 118M	360	8.5.2007

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Novembru 1997

dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti tal-kostruzzjoni permezz ta' l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE f'dak li jirrigwardja l-kisi ta' l-art (pavimenti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/808/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti tal-kostruzzjoni ([1]), kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 93/68/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni hi meħtieġa li tagħżel, bħal bejn iż-żewġ proċeduri permezz ta' l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE biex tiċċertifika l-konformità ta' prodott, 'il-proċedura l-anqas tqila konsistenti mas-sigurtà'; billi dan ifisser li hu meħtieġ li jkun deċiż jekk, għal prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hiex kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni tal-konformità, jew jekk, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konformità marbuta mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp approvat taċ-ċertifikazzjoni huwiex meħtieġ;

Billi l-Artikolu 13(4) jeħtieġ li l-proċedura hekk iddeterminata għandha tkun indikata fil-preskritti u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għal-hekk, huwa mixtieq li jkun definit il-kunċett ta' 'prodotti jew familja ta' prodotti' kif użat fil-preskritti u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi ż-żewġ proċeduri li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 13 (3) huma deskritti fid-dettall fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi hu meħtieġ għalhekk li jkunu speċifikati b'mod ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom jiġu mplimentati b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, ladarba l-Anness III jagħti preferenza lill-ċerta sistemi;

Billi l-proċedura msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi stabbiliti fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibilitajiet tal-punt (ii) tas-Sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi għas-sistemi stabbiliti fil-punt (i) tas-Sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibilità, mas-sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-Sezzjoni 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u l-familji tal-prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom ċċertifikata minn proċedura li biha l-fabbrikant għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu biss, sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li tassigura li l-prodott hu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

([1]) ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
([2]) ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

▼B

Artikolu 2

Il-prodotti elenkati fl-Anness II għandhom ikollhom il-konformità tagħhom ċċertifikata minn proċedura li biha, b'żieda ma' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika operata mill-fabbrikant, korp approvat taċ-ċertifikazzjoni ikun involut fl-estimi u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni tal-prodott nniffsu.

Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif imqiegħda fl-Anness III għandha tiġi ndikata fil-mandati għal standards armonizzati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

L-ANNESS I

Pavimenti

Il-prodotti riġidi tal-pavimenti għal użu estern u biex jitlestu it-toroq (unitajiet ta' pavimenti inklużi il-kisi, ċangaturi, ċintorini, bankini, blokok, madum tal-bankini; pjanċi tal-metall bħala parti mill-bankini; madum riġidu ta' l-art; lavanja; madum; mużajk; madum tal-franka; madum tat-terrazzo; metall miġbud jew pavimenti bil-gradilji; spralli ta' l-art).

Prodotti riġidi tal-pavimenti għall-użu intern inklużi l-postijiet magħluqa tat-trasport pubbliku fil-forma ta' komponenti (unitajiet tal-pavimenti, madum, mużajk, parquet, folji ta' xbieki jew pjanċi, gradilji tal-pavimenti, pavimenti ta' folji riġidi, prodotti bbażati fuq l-injam) u fil-forma ta' sistemi li jifilħu t-tagħbija, mqiegħda fuq is-suq bħala settijiet (pavimenti għal aċċess maqtugħ il-fuq; pavimenti bl-spazju taħthom), ►M2 barra minn dawk speċifikati f L-Anness II ◄.

Pavimenti resiljenti u tat-tessut għall-użu intern fil-forma ta' pavimenti elastiċi omoġenji u eteroġenji fornuti jew f'forma ta' maduma, pjanċa jew romblu (il-pavimenti tat-tessuti jinkludu l-madum, il-pjanċi tal-plastika u tal-gomma (il-pavimenti aminoplastiċi li meta jissaħħnu jieħdu forma permanenti; pavimenti ta' l-inċirata u tas-sufra; ta' pjanċi antistatiċi; ta' madum ta' l-art mhux imwaħħal ma' l-art; ta' folji elastiċi), ►M2 barra minn dawk speċifikati f L-Anness II ◄.

Pavimenti resiljenti u tat-tessut għall-użu estern fil-forma ta' pavimenti elastiċi omoġenji u eteroġenji fornuti jew f'forma ta' madum, pjanċa jew romblu (pavimenti tat-tessuti jinkludu l-madum; il-pjanċi tal-plastika u tal-gomma (pavimenti aminoplastiċi li meta jissaħħnu jieħdu forma permanenti); pavimenti ta' l-inċirata u tas-sufra; tal-pjanċa antistatika; tal-madum ta' l-art mhux imwaħħal ma' l-art; ta' folji elastiċi.

▼M1

Materjali għal kisi ta' pavimenti għal użu estern.

Materjali għal kisi ta' pavimenti għal użu intern ta' reazzjoni għal nar tat-tip AFL, BFL jew CFL li r-reazzjoni tagħhom għan-nar mhix soġġetta għal tibdil matul il-produzzjoni, ►M2 barra minn dawk speċifikati f L-Anness II ◄.

▼B

L-ANNESS II

Pavimenti

Prodotti riġidi ta' pavimenti għall-użu intern inklużi postijiet magħluqa ta' trasport pubbliku fil-forma ta' komponenti (unitajiet ta' pavimenti, madum, mużajk, parquet, x-xbieki jew pjanċi, pavimenti tal-grilji, pavimenti miksija b'folji riġidi, prodotti bbażati fuq l-injam) u fil-forma ta' sistemi li jifilħu t-tagħbija, mqiegħda fuq is-suq bħala kits (pavimenti għal aċċess merfugħ; pavimenti imħaffrin), ta' reazzjoni għall- ►**M2** klassijiet $A1_{FL}$ [1], $A2_{FL}$ [1], B_{FL} [1], C_{FL} [1] ◄.

Pavimenti elastiċi u tat-tessut għall-użu intern fil-forma ta' pavimenti ta' l-art elastiċi omoġenji u eteroġenji forniti jew f'forma ta' maduma, pjanċa jew romblu (pavimenti tat-tessut jinkludu l-madum, il-pjanċi tal-plastik u tal-gomma (pavimenti aminoplastiċi li meta jissaħħnu jieħdu l-forma); pavimenti ta' l-inċirata u s-sufra; tal-pjanċa antistatiċi; tal-madum ta' l-art mhux imwaħħal ma' l-art; ta' folji elastiċi), ta' reazzjoni għall- ►**M2** klassijiet $A1_{FL}$ [1], $A2_{FL}$ [1], B_{FL} [1], C_{FL} [1] ◄.

▼M1

Materjali għal kisi ta' pavimenti għal użu intern ta' reazzjoni għal nar tat-tip ►**M2** klassijiet $A1_{FL}$ [1], $A2_{FL}$ [1], B_{FL} [1], C_{FL} [1] ◄.

[1] Prodotti/materjali fejn stadju identifikkabbli b'mod ċar fil-proċess tal-produzzjoni jirriżulta f'titjib dwar il-klassifika tar-reazzjoni għan-nar (p.e. żieda ta' *fire retardants* jew limitu fuq il-materjali organiċi)

▼B

L-ANNESS III

FAMILJA TAL-PRODOTT

PAVIMENTI (1/2)

Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità

Għall-prodotti u l-użu intiżi elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistemi li ġejjin taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità fl-istandards armonizzati relevanti:

Prodotti	Użu intiżi	Livelli jew klassijiet	Ċertifikazzjoni tas-sistemi tal-konformità
Prodotti ta' pavimenti riġidi għall-użu estern Unitajiet tal-pavimenti (b'wiċċ ċatt jew imbuzzat) inklużi ċ-ċangaturi, lapidi, Iċċnagar, ċintorini; blokok; madum tal-bankini; pjanċa tal-metall għall-użu fil-banki; madum riġidu ta' l-art; lavanji; madum, możajk; madum tal-franka; madum tat-terrazzo; metall miġbud jew pavimenti tal-gradilji, spralli ta' l-art.	Għall użu estern u biex jitlestew it-toroq biex ikopru spazji esterni għan-nies fit-triq u għaċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku		4 ([1])

([1]) Sistema 4: Ara l-Anness III, is-Sezzjoni 2, il-punt (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibiltà

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi mplimentata anke meta l-imġieba ma jkunx hemm ħtieġa li tkun iddeterminata għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed ma jkollu l-ebda ħtieġa legali affattu għal din il-karatteristika; [ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli il-klawsoli 1.2.3 tad-Dokumenti ta' l-Interpretazzjoni.] F'dawk il-każi il-verifika ta' din il-karatteristika m'għandhiex tkun mposta fuq il-fabbrikant jekk da ma jkunx jixtieq li jiddikkjara l-imġieba tal-prodott f'dak il-lat.

▼M3

FAMILJA TA' PRODOTTI

PAVIMENTI (2/2)

Sistemi għall-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodotti u l-użi maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/CENELEC huma mitluba jispeċifikaw is-sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità li ġejjin fl-istandards armonizzati rilevanti:

Il-prodotti	Użi maħsuba	Livelli jew klassijiet Reazzjoni għan-nar	Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità
Prodotti ta' kisi għall-art riġidi (A) *Komponenti* Unitajiet ta' paviment, madum, mużajk, parke', deking ta' xibka jew folja, gradilji ta' l-art, kisi riġidu laminat, prodotti bbażati fuq l-injam	Għal użi interni inkluża proprjetà tat-trasport pubbliku magħluqa	$A1_{FL}$ ([1]) – $A2_{FL}$ ([1]) – B_{FL} ([1]) – C_{FL} ([1])	1 ([2])
		$A1_{FL}$ ([3]) – $A2_{FL}$ ([3]) – B_{FL} ([3]) – C_{FL} ([3]) – D_{FL} – E_{FL}	3 ([4])
(B) *Sistemi għas-serħan tal-piż imqiegħda fis-suq bħala kits* *kits* Artijiet b'aċċes mgħolli, artijiet bil-vojt taħthom		($A1_{FL}$ sa E_{FL}) ([5]), F_{FL}	4 ([6])

▼M3

Il-prodotti	Użi maħsuba	Livelli jew klassijiet Reazzjoni għan-nar	Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità
Kisi għall-art flessibbli u tessili Kisi għall-art omoġenu u eteroġenu flessibbli provdut jew filforma ta' madum, folja jew roll (tessili għall-kisi ta' l-art li jinkludi madum; folji tal-plastik u tallastku (kisi għall-art aminoplastiku u "thermosetting"; linoleum u sufra; folji anti-statiċi; madum għall-art individwali mqiegħed; kisi għall-art flessibbli laminat)	Għal użu intern	$A1_{FL}$ (1) – $A2_{FL}$ (1) – B_{FL} (1) – C_{FL} (1)	1 (2)
		$A1_{FL}$ (3) – $A2_{FL}$ (3) – B_{FL} (3) – C_{FL} (3) – D_{FL} – E_{FL}	3 (4)
		($A1_{FL}$ sa E_{FL}) (5), F_{FL}	4 (6)
Kisi għall-art flessibbli u tessili Kisi għall-art omoġenu u eteroġenu flessibbli provdut jew filforma ta' madum, folja jew roll (tessili għall-kisi ta' l-art li jinkludi madum; folji tal-plastik u tallastku (kisi għall-art aminoplastiku u "thermosetting"; linoleum u sufra; folji anti-statiċi; madum għall-art individwali mqiegħed; kisi għall-art flessibbli laminat)	Għal użu estern	—	4 (6)
Materjali għall-invellar ta' l-art	Għal użu intern	$A1_{FL}$ (1) – $A2_{FL}$ (1) – B_{FL} (1) – C_{FL} (1)	1 (2)
		$A1_{FL}$ (3) – $A2_{FL}$ (3) – B_{FL} (3) – C_{FL} (3) – D_{FL} – E_{FL}	3 (4)
		($A1_{FL}$ sa E_{FL}) (5), F_{FL}	4 (6)
	Għal użu estern	—	4 (6)

(1) Prodotti/materjali li għalihom stadju li huwa ċarament identifikabbli fil-proċess ta' produzzjoni jirriżulta f'titjib tal-klassifika tar-reazzjoni għan-nar (eż. addizjoni ta' *retardants* tan-nar jew limitazzjoni tal-materjal organiku).
(2) Sistema 1: Ara l-Anness III, Taqsima 2, tad-Direttiva 89/106/KEE, mingħajr testijiet ta' awditjar fuq kampjuni
(3) Prodotti/materjali mhux koperti bin-nota tal-qiegħ nru 1.
(4) Sistema 3: Ara l-Anness III, Taqsima 2, punt (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibilità
(5) Prodotti/materjali li ma jeħtiġux testjar għar-reazzjoni għan-nar (eż. Prodotti/materjali tal-Klassijiet A1 skond id-Deċiżjoni 96/603/KE).
(6) Sistema 4: Ara l-Anness III, Taqsima 2, punt (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibilità

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anke meta l-prestazzjoni ma teħtieġx li tiġi determinata għal karatteristika bħal din, għaliex mill-inqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda rekwiżit legali għal din il-karatteristika. [ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, l-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi]. F'dawk il-każijiet, il-verifika ta' karatteristika bħal din ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manifattur jekk huwa ma jkunx jixtieq jiddikjara r-rendiment tal-prodott f'dak ir-rigward.